MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru. 52/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Clint Farrugia ta' 22 sena, iben Carmelo u Giovanna nee' Galea mwieled Pieta', Malta, nhar is-6 ta' Novembru, 1987, residenti fil-fond Blk A, Flat 9, App. 21 ta' Settembru 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia Malta, dententur tal-karta tal-identita' bin-numru 499487(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Clint Farrugia li gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Jannar 2010 u fil-granet ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Ghawdex, f'hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza, u /jew kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan ai termini tal-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-28 ta' April 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi netta tieghu u l-fatt illi kkollabora mal-Pulizija;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata;

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab fid-dokument F u tordna lir-Registratur tal-Qorti jaghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------